**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Valentina Gatt**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Valentina Gatt** ta' 25 il-sena, bint Mario u Jacqueline xebba Zahra, residenti gewwa l-campsite tal-Mellieha, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 280693(M)

Akkuzata talli fis-sbatax (17) ta' Lulju 2018 u fil-jiem ta qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

**1.** Uzajt l-kodici ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra

f'*computer* jew b'xi mod ksirt kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex akkwistajt aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputata jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz kontra taghha jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-17 ta' Lulju 2018, Byron Tonna ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, fejn allega li l-partner tieghu, Valentina Gatt, li kienet tghix fl-istess residenza tieghu, kienet xeghlet il-mobile tieghu.

2. Tonna allega li kien halla l-mobile mitfi fuq ic-charge fir-residenza tieghu, u meta xi sieghat wara mar ghalih, sab il-mobile mixghul. Huwa qal li sab il-passwords tieghu tal-Facebook u l-email account mibdula. Huwa qal ukoll li rcieva email minghand Facebook fejn gie infurmat li l-mobile number tieghu gie mibdul, u n-numru indikat kien tal-partner tieghu Valentina Gatt.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**6.** Il-Qorti tibda biex tghid li fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019, Dottor Lara Mizzi ghall-parte civile iddikjarat illi l-parte civile Byron Tonna nformaha li ma ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri u jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u jixtieq li jieqfu.

**7.** Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019 xehed il-parte civile Byron Tonna, fejn informa lill-Qorti li qed jirtira l-kwerela li kien ghamel u ma xtaqx jixhed kontra l-imputata, u dan peress illi hu u l-imputata kienu irrikonciljaw. Fl-istess seduta, din il-Qorti wara li semghet din ix-xhieda tal-parte civile u wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali, ezentat lix-xhud milli jixhed f'dawn il-proceduri.

**8.** F'dawn il-proceduri xehed ukoll PS1226 Silvan Pulis li kien kellem lil parte civile meta dan ghamel ir-rapport tieghu. Din ix-xhieda tikkostitwixxi biss *detto del detto* li *se mai* setghet tikkorrobora ix-xhieda tal-parte civile, kieku dan xehed, pero li wahedha certament ma hijiex bizzejjed biex tipprova htija sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**9.** Waqt ix-xhieda tieghu, PS1226 Silvan Pulis ezebixxa printouts li kien tah il-parte civile meta ghamel ir-rapport in sostenn tar-rapport tieghu. Printout wahda hija allegatament messagg mibghut lilu minghand Facebook fejn infurmah li numru iehor tal-mobile gie mizjud mal-Facebook account tieghu, u in-numru tal-mobile indikat huwa dak tal-imputata. Fl-istqarrija taghha, l-imputata tat bhala n-numru tal-mobile taghha, l-istess numru indikat f'dan il-messagg. Il-printout l-ohra hija allegatament messagg minghand Google fejn informah li r-recovery phone ghall-account tieghu gie mibdul.

**10.** Fit-trattazzjoni finali d-difiza issottomettiet il dawn il-printouts jikkostitwixxu biss *detto del detto*, pero l-kontenut taghhom mhux prova ammessibbli fi proceduri kriminali. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tad-difiza. Kwistjoni simili ghal dik odjerna giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] fil-15 t'Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant**. F'dan il-kaz, l-appellant kien ikkontenda li l-ewwel Qorti missha sfilzat DVD ghax gie mghoddi lill-Pulizija minghajr ma ttella' jixhed min gibed l-istess video. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx ma' din is-sottomissjoni u qalet hekk:

*"Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u*

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***[2] *u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta*[3]*. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***Kuruma, son of Kaniu v. The Queen***[4] *fejn a pagna 203 jinghad hekk:* ***"…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** *Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak <u>tar-relevanza</u>: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri*

[2] *Att ta' Akkuza numru 20/97.*
[3] *Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.*
[4] [1955] AC 197.

*mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

**11.** Ghalhekk dawn il-printouts huma ammissibbli ghax ovvjament huma rilevanti ghal fini tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputata. Il-kwistjoni hi x'valur probatorju ghandhom f'dawn il-proceduri. Fit-trattazzjoni finali, l-Ufficjal Prosekutur issottometta li l-fatt li f'dawn il-printouts hemm riferenza ghan-numru tal-mobile li fl-istarrija taghha, l-imputata iddikjarat li hu n-numru tal-mobile taghha, jikkostitwixxi prova lill'hin min kull dubbju dettat mir-raguni, tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputata.

**12.** Din il-Qorti lanqas taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni. L-iktar li jista' jinghad fic-cirkostanzi hu li l-fatt li hemm riferenza ghan-numru tal-mobile tal-imputata f'dawn il-printouts jqanqal suspetti ragonevoli li hi kommettiet reat, u jiggustifika l-proceduri kriminali dedotti kontriha. Pero sabiex ikun hemm prova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni tal-htija tal-imputata, il-Prosekuzzjoni riedet iggib tal-inqas prova tal-awtenticita ta' dawn il-printouts, u tenut kont tan-natura tal-imputazzjoni, jigu mahtur espert fl-informazzjoni teknologika, sabiex jezamina l-mobile tal-parte civile, sabiex jara kienx hemm xi interferenza indebita fih, kif ukoll prova li kienet l-imputata li ghamlet din l-interferenza b'mod klandestin.

**13.** Naturalment il-Prosekuzzjoni kienet fl-impossibilita li tressaq dawn il-provi stante li l-parte civile talab li ma jixhidx, u ovvjament, f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma setghet tahtar l-ebda espert sabiex jezamina l-mobile tieghu.

**14.** Fl-istqarrija rilaxxata minnha, l-imputata irrifjutat li twiegeb domandi dwar dak li kien qed jallega kontriha l-parte civile – kif kellha kull dritt li taghmel skond il-ligi.

**15.** F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputata giet ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

**16.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u qed tilliberaha minnha.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**